11 ta' Mejju 2017
37/2017

# GĦOXRIN PROPOSTA LILL-PARTITI POLITIĊI GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI 2017

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) tappella lill-partiti politiċi biex f'dan iż-żmien ta' qabel l-elezzjoni ġenerali 2017 ma jagħmlux wegħdiet li mhumiex sostenibbli li mbagħad jispiċċa jbati minnhom kulħadd b'mod speċjali dawk l-aktar vulnerabbli. Il-KA tappella lill-partiti biex iwiegħdu li fil-qasam tal-ambjent jimpenjaw ruħhom biex jipproteġu l-ambjent naturali, iż-żoni li huma barra miż-żoni tal-iżvilupp, u l-bini li għandu valur storiku u arkitettoniku. Dan għandhom jagħmluh bil-fatti u b'liġijiet u *policies* li ma jħallu l-ebda lok li jiġu abbużati.

Il-patrimonju naturali, storiku u arkitettoniku ta' pajjiżna huwa ta' valur kbir, mhux biss għax jikkontribwixxi għall-identità tal-Maltin u l-Għawdxin bħala ġens uniku, iżda wkoll għax għandu valur ekonomiku fih innifsu. Il-kollass tat-Tieqa tad-Dwejra fakkarna li l-patrimonju tagħna, minbarra li huwa fraġli, huwa wkoll riżorsa ekonomika għax jattira t-turisti. Fuq kollox l-KA tfakkar li l-ħarsien tal-ambjent huwa indispensabbli għall-kwalità tal-ħajja ta' kulħadd, u għas-saħħa kemm fiżika kif ukoll mentali. F'dan il-kuntest hija qed tippreżenta dawn l-għoxrin proposta lill-partiti politiċi:

1. **Setgħa ta' veto għall-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent**
   L-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent għandu jkollha s-setgħa ta' veto fuq kull applikazzjoni għal żvilupp li jkun propost f'żoni li huma barra mill-konfini tal-iżvilupp, inklużi siti ta' patrimonju naturali. B'dan il-mod, l-Awtorità jkollha s-saħħa meħtieġa fil-protezzjoni tal-ambjent. L-Awtorità għandu jkollha wkoll is-setgħa tal-veto fuq kull talba li ssir biex jonqos il-livell ta' protezzjoni li jkun ingħata lil xi sit ta' patrimonju naturali.

2. **Setgħa ta' veto għas-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali**
   Is-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali għandu jkollu setgħa ta' veto fuq kull applikazzjoni għal żvilupp li jkun propost u li jaffettwa siti arkeoloġiċi u siti/binjiet li huma skedati. Is-Supretendent ikollu wkoll is-setgħa tal-veto f'każ ta' applikazzjoni li tfittex li tnaqqas il-protezzjoni ta' siti arkeoloġiċi jew siti/binjiet skedati.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

3. **Reviżjoni sħiħa tal-*policies* tal-ippjanar dwar żviluppi fil-kampanja**
   Għandha ssir reviżjoni sħiħa tal-*policy* tal-ippjanar li qed twassal biex boroġ ta' ġebel fil-kampanja jinbidlu f'binjiet residenzjali jew f'bini li mhuwiex strettament għall-bżonnijiet agrikoli. Din hija *policy* abbużiva li l-effett tagħha huwa sfreġju tal-ambjent rurali.

4. **Reviżjoni ta' pjanijiet u *policies* ta' żvilupp**
   Għandha ssir reviżjoni sħiħa tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED), pjanijiet lokali, *master plans*, pjanijiet ta' azzjoni, kull pjan ta' żvilupp ieħor u *policies* ta' ppjanar (inkluża l-*policy* dwar il-bini għoli) biex dawn il-pjanijiet u *policies* jiggarantixxu t-tisħiħ tal-ġid komuni, u dan wara li jitqies b'reqqa r-riżultat ta' konsultazzjoni ta' veru mal-i*stakeholders* kollha. Fl-aħħar stadju tat-tfassil ta' pjan jew *policy* m'għandhomx jiddaħħlu proposti ta' żvilupp li l-għan tagħhom ikun li jintensifikaw l-iżvilupp flok inaqqsuh, b'detriment tal-komunitajiet affettwati, u dan wara li tkun saret il-konsultazzjoni pubblika.

5. ***Policy* dwar il-kontroll tal-ħsejjes**
   Għandha tiġi adottata *policy* li tirrestrinġi l-ħsejjes qawwija, mużika u damdim bla kontroll minn diskoteki, *parties* u stabbilimenti kummerċjali li jaffettwaw żoni residenzjali u l-paċi speċjalment billejl. Dawn il-ħsejjes għandhom ikunu ristretti għal siti li mhumiex *open air*. Huwa inaċċettabli li residenti jkollhom jagħlqu t-twieqi biex jippruvaw jorqdu, u xorta ma jirnexxilhomx minħabba n-nuqqas kbir ta' rispett min-naħa ta' min imexxi dawn l-istabbilimenti u/jew jorganizza *parties*, fieri, tiġijiet u festivals. Ir-riċerka turi biċ-ċar li livelli għolja ta' ħsejjes huma ta' dannu għas-saħħa tal-individwu, jikkawżaw ħsarat fis-smigħ u jżidu l-livelli ta' stress. Ħadd m'għandu jkun imċaħħad mid-dritt li jgawdi l-mistrieħ, kemm f'postijiet miftuħa fejn ħafna jmorru għall-kwiet (bħal ngħidu aħna fuq bajjiet pubbliċi), imma aktar u aktar ġewwa daru stess. L-istess *policy* għandha wkoll tindirizza l-użu abbużiv u esaġerat ta' murtali u murtaletti, kemm fil-festi kif ukoll f'okkażjonijiet oħra. F'ċerti każijiet dawn jilħqu livell inaċċettabbli ta' ħoss minbarra t-tniġġiż perikoluż li joħolqu.

6. ***Policy* dwar il-kontroll tad-dwal**
   Għandha tiġi adottata *policy* li tirrestrinġi d-dwal żejda li minbarra li huma ħela ta' enerġija, itellfu mit-tgawdija tas-sema wara nżul ix-xemx, u jiddisturbaw il-ħajja ta' diversi ħlejjaq. Hemm wisq każijiet fejn id-disinn u l-intensità tad-dwal huma totalment insensittivi għall-ambjent ta' matul il-lejl, u ċerti dwal li jintużaw minn stabbilimenti kummerċjali u diskoteki jidhru minn kilometri 'l bogħod. Din il-*policy* għandha wkoll tindirizza l-illuminazzjoni ta' binjiet, inklużi knejjes u stabbilimenti industrijali u kummerċjali.

7. ***Policy* dwar użu ta' stabbilimenti illegali għal skopijiet politiċi u ta' beneficenza**
   Tiġi introdotta *policy* fejn postijiet li jkunu mibnija illegalment ma jitħallewx jintużaw għall-attivitajiet kemm politiċi kif ukoll ta' *fundraising*, inklużi dawk għal skopijiet ta' beneficenza. Issir jew ma ssirx din il-*policy*, partiti politiċi u entitajiet oħra m'għandhomx

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

jagħmlu użu minn dawn il-postijiet (sakemm ma jkunux ġew regolarizzati), sabiex ma jkunux qed jissanzjonaw u jinkoraġġixxu l-illegalità u prepotenza ta' min jaħseb li hu ogħla mill-liġi li tirregola liċ-ċittadini l-oħra kollha.

8. **Dikjarazzjoni bil-miktub mill-Membri tal-Parlament dwar applikazzjonijiet għal permessi**

   Il-Membri Parlamentari għandhom jissottomettu lill-i*Speaker* tal-Parlament dikjarazzjoni kull sena (u kull meta jkun hemm bidla fil-fatti tad-dikjarazzjoni), li fiha jgħidu ċar u tond x'interess personali jkollhom f'kull applikazzjoni ta' żvilupp jew permess ambjentali. Id-dettalji għandhom jinkludu l-interessi tal-membri tal-familja tal-Membru Parlamentari. Applikazzjoni għal tali permessi tista' tirrifletti kif deputat jaħsibha dwar l-ambjent speċjalment fejn ikun qed jabbuża minn *policies* li jħallu lok għall-abbuż.

9. **Dikjarazzjoni bil-miktub mill-Membri Parlamentari dwar pożizzjonijiet f'kumpaniji u intrapriżi privati**

   Kull sena, il-Membri Parlamentari għandhom jiddikjaraw bil-miktub lill-i*Speaker* tal-Parlament kull pożizzjoni li jkollhom f'kumpaniji jew intrapriżi privati. Tmexxija tajba titlob li ċ-ċittadin ikun jaf jekk id-deputati tagħhom humiex parti minn organizzazzjoni li qed tipproponi proġett li jmur kontra l-interessi tal-komunità. Din id-dikjarazzjoni tista' tkun aġġornata iktar minn darba f'sena skont il-każ.

10. **Studju nazzjonali dwar il-propjetà**

    Il-Gvern, permezz ta' entità indipendenti, għandu jagħmel u jaġġorna kull sena, studju li janalizza u jgħarbel ix-xejriet tad-domanda u l-provvista tal-propjetà fil-pajjiż. Dan l-istudju u l-aġġornamenti annwali tiegħu għandhom ikunu ppubblikati fit-totalità tagħhom. Dwar it-*terms of reference* għandu jkun hemm qbil minn firxa wiesgħa ta' *stakeholders*. Dan l-istudju għandu jkun utli għal *policies* u pjani ta' żvilupp li jkunu qed jitfasslu, kif ukoll għall-politika fiskali u soċjali tal-Gvern.

11. **Ma jsirux wegħdiet sigrieti**

    Wegħdiet sigrieti bejn il-partiti u individwi (li mbagħad ikollhom jissarrfu fi gwadann personali għal ftit nies b'detriment għall-ġid komuni) ma għandhom qatt isiru, speċjalment fil-ġranet ta' qabel l-elezzjoni.

12. **Ma jsirux wegħdiet dwar proġetti partikulari dwar l-użu tal-art jew art speċifika**

    Fil-ġranet ta' qabel l-elezzjoni m'għandhomx isiru wegħdiet li jirreferu għal proġetti partikulari li jinvolvu l-użu tal-art jew li jidentifika minn qabel art speċifika li se tintuża għal dak l-iżvilupp. Meta jsir hekk, il-bżonn li jsir studju serju tal-impatt ambjentali u s-sostenibiltà tal-proġett ikun qed jigi mminat għax "il-poplu jkun iddeċieda". Wegħdiet ta' dan it-tip jivvizzjaw il-proċess kollu tal-ippjanar li għandu jħares l-interessi komuni li jkun

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

se jiġi affettwat bl-iżvilupp. Rebħa elettorali m'għandhiex tintuża sabiex jinqabeż proċess li jevalwa l-impatti kumplessi ta' xi proġett partikulari. Jekk dan isir, il-poplu jkun imċaħħad mid-dritt tiegħu li jkollu l-fatti kollha quddiemu ħalli jkun jista' jgħarbel sew u bil-kalma il-proġett propost.

**13. Trasparenza sħiħa u pubblikazzjoni ta' studji ta'** ***Cost-Benefit Analysis***

Fiż-żmien meta l-aħbarijiet foloz (fake news) saru ħaġa komuni u donnu m'hawn l-ebda rispett lejn il-verità (*post-truth*), id-deċiżjonijiet dwar l-ambjent għandhom ikunu bbażati fuq studji li jirriflettu r-realtà tal-fatti u mhux fuq tagħwiġ tal-verità biex ikunu aġevolati interessi partikulari. It-trasparenza fil-proċess kollu ta' deċiżjoni dwar proġett (mit-tfassil sal-approvazzjoni tiegħu) titlob li l-informazzjoni dwaru għandha tkun ippubblikata. Għalhekk fil-każ fejn hemm proġett li se jkun iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, il-KA temmen li l-Analiżi tal-Ispiża u l-Benefiċċji (*Cost-Benefit Analysis*), fejn din hija rikjesta mir-regolamenti tal-UE, għandha tiġi pubblikata u mhux moħbija taħt l-iskuża li l-informazzjoni tkun ta' natura kummerċjali.

**14. L-ambjent, il-patrimonju tal-pajjiż u l-ġid komuni mhumiex għall-bejgħ**

Iż-żmien ta' qabel elezzjoni huwa karatterizzat minn nies jittallbu għal favuri li wara l-elezzjoni jissarrfu fi proġetti ta' żvilupp. Il-KA tixtieq tfakkar lill-partiti politiċi fir-responsabbiltà li jżommu mal-prinċipju li l-ambjent, il-patrimonju tal-pajjiż u l-ġid komuni mhumiex għall-bejgħ.

**15. Trasparenza u kompetizzjoni ġusta**

Għandu jingħata bidu għal riformi biex ikun hemm trasparenza vera u kompetizzjoni ġusta fil-mod kif il-Gvern jikri, jagħti b'ċens jew jgħaddi art pubblika lil terzi persuni.

**16. Restrizzjoni ta' għoti ta'** ***direct orders***

L-użu ta' *direct orders* biex jiġu implimentati proġetti żgħar jew kbar mhux dejjem jiggarantixxi li l-Gvern ikun qed jagħżel l-aqwa mod biex tkun indirizzata xi kwistjoni ambjentali jew infrastrutturali. Dan jista' jwassal għal interventi li jagħmlu ħsara lill-ambjent jew lil sit/bini li huwa skedat. Għalhekk l-użu ta' dawn id-*direct orders* għandu jieqaf, ħlief għal każijiet eċċezzjonali ta' urġenza ta' xogħlijiet li, jekk ma jsirux malajr, jistgħu jweġġgħu n-nies jew tista' ssir ħsara irreparabbli lill-ambjent jew sit/bini li huwa skedat.

**17. Mekkanizmi ta'** ***checks and balances*** **fl-Awtorità tal-Ippjanar**

Għandhom jiddaħħlu mekkaniżmi ta' *checks and balances* fl-Awtorità tal-Ippjanar biex id-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu sostenibbli fl-interess ta' kulħadd. Qed nirriskjaw bil-kbir li fi żmien 20 sena oħra, pajjiżna mhux se jkun magħġun minn viżjoni ispirata mill-ġid komuni u l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. Il-viżjoni ta' fejn irridu nkunu fi żmien

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

20 sena oħra m'għandhiex tkun il-prerogattiva ta' ftit nies li jistgħu jinfluwenzaw *policies* jew deċiżjonijiet ta' ppjanar b'detriment għall-kumplament taċ-ċittadini komuni.

**18. Soluzzjonijiet għat-traffiku**

It-traffiku huwa kawża ewlenija ta' tniġġiż u joħloq inkonvenjent kważi ta' kuljum f'diversi żoni tal-pajjiż. Għalhekk għandhom jiġu studjati bir-reqqa proposti differenti bil-għan li tiġi indirizzata sew il-problema tat-traffiku ta' pajjiżna. Il-bini ta' toroq ġodda jsolvi l-problema għal ftit snin, imma ma joffrix soluzzjoni dejjiema, għax filwaqt li nkunu naqqarna iktar art mill-kampanja, inkunu xtrajna iktar karozzi (għax naħsbu li l-pajjiż jiflaħ għal iktar karozzi) u mbagħad, wara ftit snin, nindunaw li erġajna ġejna fl-istess sitwazzjoni li qegħdin fiha llum. Is-soluzzjoni tidher li qiegħda f'li jitnaqqas l-użu tal-karozza u jiġu introdotti mezzi ta' trasport tal-massa. Barra minn hekk, biex iċ-ċentri kummerċjali ma jkunux fgati iktar bil-karrozzi, hemm bżonn li jinħolqu sistemi effiċjenti u effikaċi ta' *park-and-ride*, li tassew iħajru lin-nies biex jużawhom u hekk jinqdew aħjar milli jużaw il-karozza privata tagħhom. F'dan il-kuntest il-KA titlob li l-proġett ta' parkeġġ, li hu propost li jsir taħt l-art maġenb ir-Rotunda tal-Mosta, ma jsirx. Minfloku għandha tinħoloq sistema ta' *park-and-ride* li twassal lill-viżitaturi fiċ-ċentru tal-Mosta. Il-maġġoranza tal-ispazji ta' parkeġġ ta' ħdejn il-knisja għandhom ikunu riservati għal min tassew għandu bżonnhom bħal persuni b'diżabilità, anzjani bi problemi ta' mobilità u familji bi tfal żgħar.

**19. Konsultazzjoni pubblika fil-bidu tal-*Cost-Benefit Analysis* dwar alternattivi għal proġett li jkun propost li jiġi ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

Meta jkun hemm proġett li jkun propost li jiġi ffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea u li jkollu bżonn (kif mitlub mir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea) studju dwar l-Analiżi tal-Ispiża u l-Benefiċċji (*Cost-Benefit Analysis*), għandha ssir konsultazzjoni pubblika fil-bidu tal-proċess, biex ikunu identifikati alternattivi oħra għall-proġett, li xorta jkunu se jwasslu biex jintlaħaq l-għan aħħari tal-proġett propost. B'dan il-mod ikun żgurat li l-alternattivi biex jintlaħaq l-għan tal-proġett iffinanzjat mill-fondi Ewropej ikunu mgħarbla tajjeb qabel ma jintgħażel il-proġett finali. Bħalissa, għalkemm dawn l-alternattivi jiġu mistħarrġa, ma ssirx konsultazzjoni pubblika dwarhom. In-nuqqas ta' konsultazzjoni pubblika f'dan l-istadju mhix aċċettabbli. Konsultazzjoni pubblika tista' twassal biex jiġu identifikati proġetti alternattivi li jilħqu l-istess għan tal-proġett li jkun ġie identifikat oriġinarjament. Dawn l-alternattivi jista' jkollhom impatti ambjentali, ekonomiċi, finanzjarji u soċjali li jkunu iktar favorevoli mill-proġett li jkun ġie identifikat oriġinarjament mill-amministrazzjoni tal-ġurnata qabel ma jkun beda x-xogħol fuq il-*Cost-Benefit Analysis*. Ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea ma jeskludux il-konsultazzjoni pubblika, iżda ma jesiġuhiex. Fil-fehma tal-KA, din għandha tkun mandatorja u beħsiebha tippreżenta suġġeriment lill-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward, għax tħoss li jkun ta' ġid mhux biss għal pajjiżna, imma għall-istati kollha membri. Il-KA temmen li fil-każ ta' pajjiżna, din il-konsultazzjoni għandha tibda ssir irrispettivament x'tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea. Din

il-konsultazzjoni għandha tkun implimentata speċjalment fil-każ ta' proposti differenti ta' trasport tal-massa (imsemmija fi proposta 18) u fil-każ tal-proposta ta' mina bejn Malta u Għawdex.

## 20. Il-proposta tal-mina bejn Malta u Għawdex

20.1 Il-proposta tal-mina taħt il-baħar bejn Malta u Għawdex jidher li għandha l-appoġġ tal-partiti politiċi ewlenin. L-għan aħħari tal-proġett huwa li tiffaċilita l-aċċessibiltà bejn iż-żewġ gżejjer.

20.2 Il-KA issostni li qabel ma jkun deċiż għandhiex issir jew le l-mina, għandhom jiġu studjati proġetti alternattivi li jwasslu xorta għall-għan aħħari, jiġifieri dak ta' aċċessibiltà aħjar bejn il-gżejjer.

20.3 Kif semmejna fi proposta 19, f'każ li jkun propost li l-proġett jiġi ffinanzjat minn fondi Ewropej, waqt l-istadju ta' Analiżi tal-Ispiża u l-Benefiċċji (*Cost-Benefit Analysis*) għandha ssir konsultazzjoni pubblika biex jiġu studjati l-alternattivi għal aċċessibiltà aħjar bejn iż-żewġ gżejjer. B'hekk il-mina ma tkunx preżentata bħala l-unika soluzzjoni meta l-alternattivi l-oħra ma jkunux studjati bis-serjetà. Il-konsultazzjoni pubblika, flimkien mat-tħejjija ta' Analiżi tal-Ispiża u l-Benefiċċji (*Cost-Benefit Analysis*), għandhom ikunu adottati anke jekk il-finanzjament ma jkunx se jiġi minn sorsi li mhumiex fondi tal-Unjoni Ewropea.

20.4 Waħda mill-alternattivi li għandhom jiġu studjati hija servizz b'mezz ta' trasport tal-baħar li huwa iktar veloċi mill-vapuri li hemm bħalissa, u li jwassal lill-passiġġieri u l-vetturi fil-Port il-Kbir u/jew destinazzjoni oħra.

20.5 Alternattiva oħra hija li jkun hemm taħlita ta' servizzi, jiġifieri servizz bejn Għawdex u ċ-Ċirkewwa li jinkludi vapuri ġodda u moderni flimkien ma' servizz veloċi bejn Għawdex u destinazzjonijiet oħrajn f'Malta.

20.6 Jekk wieħed jistudja dawn l-alternattivi u oħrajn li jistgħu jiġu proposti waqt il-konsultazzjoni pubblika, l-impatti finanzjarji, ekonomiċi, ambjentali, kulturali u soċjali jistgħu jkunu iktar pożittivi (jew inqas negattivi) minn dawk ta' proġett massiv ta' mina, li l-impatti tiegħu jistgħu jkunu kbar kemm waqt it-tħaffir tal-mina nnifisha, kif ukoll meta tibda tintuża. Dan mingħajr ma nidħlu fil-kwistjonijiet tar-riskji relattivi tal-proġett tal-mina meta jkun ipparagunat mal-alternattivi għalih. Wieħed ma jridx jinsa li, bil-mina u mingħajrha, xorta waħda jrid ikun hemm servizz ta' vapur bejn Malta u Għawdex. L-ewwel nett għal skopijiet turistiċi minħabba l-fatt li t-turisti x'aktarx jippreferu li jgawdu l-veduti tal-kampanja fi triqthom lejn il-vapur, u l-veduti tal-baħar minn fuq il-vapur milli jaraw kilometri ta' ħitan ta' mina. It-tieni minħabba l-fatt li jrid ikun hemm alternattiva f'każ li l-mina jkollha tingħalaq temporanjament minħabba xi raġuni jew oħra.

20.7 L-ispiża ta' proġett massiv u irreversibbli ta' mina għandu r-riskju (iktar minn dak ta' proġetti inqas massivi) li l-ispiża finali tkun ħafna ogħla milli proġettat. Imma altru

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

tmur żmerċ bi ftit miljuni u altru d-differenza tkun ta' ħafna miljuni, liema piż ikun irid jinġarr mill-poplu kollu.

20.8 Għandu jkun ikkalkulat tajjeb il-prezz li jkollna nħallsu għas-servizz li jipprovdu proġetti alternattivi. Is-servizz ta' aċċessibiltà permezz ta' mina taħt il-baħar jew alternattivi oħra mhux se jkun b'xejn. L-ebda proposta ta' proġett ta' aċċessibilità aħjar, anke jekk ikun hemm marbut magħha *Public Service Obligation*, mhi se tkun b'xejn la għal min jużah, la għall-operatur, u wisq inqas għall-Gvern u għal kull min iħallas it-taxxi. Biex ikun hemm deċiżjoni matura dwar il-proġett finali, il-prezz li wieħed ikun irid iħallas għas-servizz ta' aċċessibilità jrid ikun studjat bil-galbu u ppubblikat minn qabel ma tittieħed id-deċiżjoni.

20.9 L-effett soċjali u kulturali fuq Għawdex huwa aspett fundamentali li jrid jiġi studjat bir-reqqa. Permezz ta' mina hemm possibilità li Għawdex jiġrilu bħal Malta li, f'ħafna nħawi, tilfet is-sbuħija tal-pajsaġġ karatteristiku tagħha.

20.10 Jissemma' ħafna l-effett ekonomiku li mina jista' jkollha fuq Għawdex. Wieħed għandu jistudja dan l-aspett fid-dettall, u jmur lil hinn mill-idea li aċċessibiltà aħjar biss (tkunx il-mina jew kwalunkwe mezz ieħor) tista' ssolvi l-problemi ekonomiċi u ta' investiment f'Għawdex. F'dan il-kuntest, il-KA titlob li jiġu ppubblikati l-istudji u l-istħarriġ kollha li saru s'issa dwar Għawdex taħt l-aħħar żewġ amministrazzjonijiet u li fihom ġew studjati l-kwistjonijiet tal-investiment f'Għawdex, l-aċċessibilità u l-opportunitajiet ta' xogħol li jistgħu jinħolqu permezz ta' mina jew mezzi oħra ta' aċċessibiltà aħjar.

20.11 Għandhom jintgħażlu tal-inqas żewġ alternattivi serji għall-mina u jiġu studjati fl-Analiżi tal-Ispiża u l-Benefiċċji (*Cost-Benefit Analysis*) flimkien mal-proposta ta' mina. Il-KA fuq kollox issostni li l-għazla tal-alternattivi għandha ssir wara konsultazzjoni pubblika. Kompetizzjoni ta' ideat minn intrapriżi innovattivi jistgħu jwasslu biex tinstab l-aqwa soluzzjoni mil-lat ambjentali u soċjali għall-problema tal-aċċessibiltà bejn Għawdex u Malta.

L-Għawdxin jiffaċċjaw sfidi kbar biex ikollhom is-sehem mistħoqq mill-ġid komuni tan-nazzjon. Għalhekk il-proċess tal-għażla tal-aħjar mezz ta' aċċessibiltà bejn il-gżejjer għandu jgħarbel u jikkunsidra bir-reqqa l-fehma tal-Għawdxin. Il-proċess tal-għażla għandu jkun wieħed li fih il-protagonisti jkollhom moħħ miftuħ għal kull possibiltà li tagħmel sens għall-pajjiż kollu. Biex ikun hemm deċiżjoni aħħarija li tkun ta' ġid għal pajjiżna, imma f'dan il-każ għal Għawdex u għall-Għawdxin b'mod partikolari, jeħtieġ li jkun hemm: (i) trasparenza fl-istadji kollha tal-proċess tad-deċiżjoni; (ii) il-pubblikazzjoni tal-istudji kollha (qabel u mhux wara li tittieħed deċiżjoni); (iii) jingħata żmien diċenti biex dawn l-istudji jiġu analizzati minn kull min huwa interessat; (iv) proċess rigoruż ta' ppjanar. Fl-assenza ta' dawn il-prinċipji, il-KA tħoss li l-opinjonijiet li jissawru dwar l-aħjar mod ta' aċċessibiltà bejn il-gżejjer ma jkunux infurmati. B'hekk jista' jiġri li settur privileġġat ikun qed jinfluwenza b'mod mhux proporzjonat deċiżjoni tant importanti li taffettwa b'mod permanenti mhux biss lil Għawdex u lill-Għawdxin, imma lill-pajjiż kollu.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**